MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 259/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. M. Camilleri)**
**Vs**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat in-nota tal-ufficjal tal-probation Antonella Spagnol tas-6 ta' Jannar, 2010, li biha ghamlet denunzja fis-sens tal-artikolu 21 tal-Att VII tal-2002 dwar il-Probation fejn attirat l-attenzjoni ta' din il-Qorti ghall-fatti segwenti sabiex jittiehdu l-mizuri xierqa w opportuni :

- Illi omissis naqset milli zzomm kuntatt ma' l-Ufficju u l-Ufficjal tal-Probation skond id-direttivi moghtija lilha;
- Illi omissis naqset milli zzomm kuntatt mal-Haddiema Socjali fi hdan l-Agenzija Appogg Zvetlana Cassar skond id-direttivi moghtija lilha;
- Illi omissis naqset milli toqghod ghad-direttivi moghtija lilha sabiex tghaddi hajja ta' bzulija, billi naqset li tirregistra ghax-xoghol kif kien mistenni minnha;

- Illi omissis irrifjutat quddiem l-Uffijcal tal-Probation u quddiem il-Haddiema Socjali li tigi rreferuta ghall-programm bl-isem ta' *"Embark for Life"* immexxi mill-Appogg u mill-Korporazzjoni tax-Xoghol u t-Tahrig, li seta' jkun t'ghajnuna ghaliha fir-rigward tax-xoghol u oqsma ohra.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Jannar, 2010 li bih ordnat li din id-denunzja tigi komunikata lil omissis li kellha tidher taht arrest fis-seduta tal-lum ghat-trattazzjoni w provediment dwar in-nota.

Rat is-sentenza taghha tal-15 ta' Jannar, 2009 li kienet tghid is-segwenti :
Rat l-akkuza dedotta kontra omissis quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fil-Marsa w fi bnadi ohra ta' Malta fl-1 t'Awissu, 2008, ghall-habta ta' 21.00 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin mill-hatja, wkoll jekk fi zminijiet differenti, jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, w ikunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda
1. fit-triq jew f'post espost ghall-pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex hajjret ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet ohra immorali;
2. fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi, offendiet il-pudur u l-morali b'eghmil li sar fil-pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku;
3. kisret il-provedimenti ta' Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 9 ta' Lulju, 2008.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 t'Awissu, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 7(2) tal-Kap. 63, l-artikolu 209 tal-Kap. 9 u l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lil omissis hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha w dan fuq ammissjoni taghha stess u kkundannatha ghal perjodu ta' sebgha (7) xhur prigunerija sospizi ghal erbgha (4) snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28(A) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre ghamlet ordni ta’ supervizjoni ai termini tal-artikolu 28G(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal perjodu kollu operattiv ta’ din is-sentenza.
Il-Qorti ordnat li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jigi nominat kandidat idoneju ghas-supervizzjoni tal-imsemmija minuri.
Il-Qorti spjegat lil hatja fi kliem car, kemm r-responsabilita’ taghha w x’jigri jekk hi tikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija matul l-perjodu ta’ erbgha (4) snin u l-omissis iddikjarat li fehmet ben tajjeb.
Il-Qorti ordnat, wara li rat l-artikolu 403(1) tal-Kap. 9, li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kopja ta’ din is-sentenza w l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-29 t’Awissu, 2008, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi
a) tikkonfermaha f’dik il-parti fejn omissis giet misjuba hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontriha, filwaqt illi
b) thassar is-sentenza appellata limitatament f’dik il-parti li tikkoncerna l-piena nflitta fuqha w cioe’ fejn ikkundannatha ghal perjodu ta’ sebgha (7) xhur prigunerija sospizi ghal erbgha (4) snin bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 28(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta w fejn ghamlet ordni ta’ supervizjoni ai termini ta’ l-artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal perjodu operattiv ta’ din is-sentenza;
c) u minflok teroga kontra taghha l-piena idoneja skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata ta’ omissis esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, Avukat Generali huma s-segwenti w cioe’:-
Illi fost l-akkuzi migjuba kontra ta’ l-istess omissis hemm dik li kisret il-provvedimenti ta’ l-artikolu 22 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-

Magistrati (Malta) datata 9 ta’ Lulju 2008. L-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta jitratta l-liberazzjoni assoluta jew kundizzjonata.

Illi jidher car mill-atti li omissis ammettiet il-htija taghha ghall-“akkuzi kif moghtija fil-konfront taghha” (ara fol 2) – ergo ammettiet ukoll ghal dan il-ksur. U minhabba f’hekk u indubjament, omissis accettat u rrikonoxxiet li kisret il-provvedimenti ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li kienu gew imposti fuqha **biss tlieta w ghoxrin jum qabel** ma nqabdet titlajja fil-Marsa nhar l-1 t’Awissu 2008 ghall-habta tad-21.00.

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) f’din il-kawza sabet lil omissis hatja ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontriha, inkluz allura l-ksur ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta kif hawn fuq indikat. Kwindi ma setghet qatt taghti ordni ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza fil-konfront ta’ omissis ai termini, u dan minhabba li l-artikolu 28A(7)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-27 ta' Novembru, 2008 li bih il-Prosekuzzjoni w id-difiza qablu li fid-data tal-kommissjoni tar-reati li omissis kienet minorenni, kif ukoll li f' kull kaz il-piena karcerarja massima ma setghetx tkun aktar minn sitt xhur prigunerija f' dan il-kaz.

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat;

Illi l-Avukat Generali ghandu ragun fl-aggravju li f' dan il-kaz l-Ewwel Qorti ma setghetx taghti sentenza ta' prigunerija sospiza ladarba kienet qed issib ukoll lill-omissis hatja apparti tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, talli kisret il-provvediment lilha moghti taht l-art. 22 tal-Kap.446, b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Lulju, 2008.

Di fatti l-artikolu 28A (7)( c ) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li :-

***"Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu MA GHANDUX ISIR (emfasi ta' din il-Qorti) f' xi wiehed mill-kazijiet li gejjin :-***

***( c ) meta r-reat ikun sar fil-periodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-Probation ta' Hatjin."***

Illi ma hemmx kwistjoni li f'dan il-kaz omissis kienet ukoll ammettiet w instabet hatja li kkommettiet dawn ir-reati bi ksur tal-provvediment maghmul taht l-artikolu 22 tal-Kap. 446 .

Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti jidher li kienet prekluza milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza f'dan il-kaz u kienet marbuta li, jekk tiddecied li tinfliggi l-piena karcerarja applikabbli ghar-reati li omissis kienet ammettiet u nstabet hatja taghhom, din il-piena tkun wahda ta' prigunerija effettiva. Altrimenti kellha tapplika xi xorta ta' provvediment iehor , imma zgur mhux dak kontemplat fl-artikolu 28A tal-Kap. 9. Konsegwentement l-appell tal-Avukat Generali jidher gustifikat skond il-ligi. (Ara: App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Jonathan Joseph Briffa"** [6.10.20903], fejn si trattava ta' reati kommessi waqt periodu ta' probation u **"Il-Pulizija vs. Joseph Compagno"** [25.9.2003] u **"Il-Pulizija vs. Martin James"** [27.5.2004], fejn si trattava ta' reati kommessi minn persuni dikjarati recidivi.)

Meta din il-Qorti giet biex umbaghad tikkonsidera l-piena idoneja skond il-ligi kif mitluba li taghmel fir-rikors tal-appell, din il-Qorti qieset is-segwenti fatturi :-

Illi l-piena massima ghar-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni skond l-artikolu 7 (2) tal-Kap.63 hi dik ta' mhux izjed minn sitt xhur prigunerija w, stante li giet addebitata wkoll bil-figura tar-reat kontinwat, il-piena massima skond l-artikolu 18 tista' tizdied minn grad sa zewg gradi ghal sa sena prigunerija skond l-artikolu 31. Umbaghad il-piena massima ghar-reat kontemplat fit-tieni imputazzjoni skond l-artikolu 209 tal-Kodici Kriminali hi dik ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlitt xhur u

multa w, stante li gie dedott fil-konfront taghha bhala reat kontinwat, il-piena massima skond l-artikolu 18 tista' tizdied minn grad sa zewg gradi ghal sa disa' xhur prigunerija skond l-artikolu 31. Stante pero' li jezisti l-konkors formali jew ideali bejn iz-zewg reati w ir-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni seta' serva bhala mezz ghall-fini biex jigi kommess ir-reat kontemplat fit-tieni imputazzjoni, skond l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, tkun applikabbli biss piena wahda cioe' dik tar-reat l-aktar gavi li, f' dan il-kaz, hi dik applikabbli ghall-ewwel imputazzjoni, ossia dik ta' massimu ta' sena prigunerija.

Pero' f' dan il-kaz jidher li lill-Ewwel Qorti sfuggielha fattur li seta' jkollu effett fuq il-piena ghaliex kif, jaqblu l-partijiet u kif ukoll del resto jirrizulta mill-istess atti processwali w cioe' d-dettalji w konnotati taghha kif ukoll mill-fedina penali aggornata taghha, omissis kellha biss 16 il-sena fl-1 t' Awwissu, 2008 u kwindi kellha tibbenefika mir-riduzzjoni fil-piena kontemplata fl-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali, li jiddisponi li jekk il-hati jkun ghalaq l-erbatax-il sena izda ma jkollux tmintax-il sena, l-piena applikabbli ghar-reat ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn. Di fatti fis-sentenza appellata, meta l-Qorti kienet qed telenka c-cirkostanzi attenwanti li hadet in konsiderazzjoni fl-applikazzjoni tal-art. 28A, ma semmietx dan il-fattur u lanqas ma indikat l-artikolu 37 fost l-artikoli citati fl-istess sentenza.

Il-Qorti rriflettiet fit-tul dwar dan il-kaz u ghalkemm, bil-ligi, ma tistax taqbel li jigi applikat il-provvediment tas-sentenza sospiza, in vista ta' dak li ntqal aktar il fuq f' din is-sentenza, taqbel mal-Ewwel Qorti li ma kellhiex tigi applikata piena karcerarja effettiva kif ukoll li omissis titpogga taht sorveljanza ta' *probation officer*.

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-ahhar provvediment sagg li ordnat l-Ewwel Qorti ghandu, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, jigi modifikat u mibdul f' ordni ta' *probation*, bhala l-ahhar opportunita' li ghandha tinghata lil din il-minorenni biex taghraf il-hazin tat-triq li qabdet u forsi tingabar qabel ma jkun tard wisq. Fil-kaz ta' min jikser il-kondizzjonijiet ta' liberazzjoni kondizzjonata, l-ligi

(Kap.446) ma timpediex li dan isir, kif taghmel fil-kaz tal-art. 28A, u din il-Qorti hi sodisfatta li s-sorveljanza ta' omissis minn ufficjal tal-*probation* hi mixtieqa fl-interess li tigi assikurata r-rijabilitazzjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f' dik il-parti fejn sabet lil omissis hatja tal-ewwel w it-tieni akkuzi w tal-addebitu li kisret il-kundizzjonijiet tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqha b' sentenza datata 9 ta' Lulju, 2008, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali w tirrevokaha fejn ikkundannat lil omissis ghal-seba' xhur prigunerija b' dan li dan it-terminu ta' prigunerija ma jiddekorrix hlief jekk omissis tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien erba (4) snin mid-data tas-sentenza appellata skond l-artikolu 28A tal-Kap.9, u minnflok tordna li omissis, minorenni, titpogga taht *probation* ghal zmien tlitt snin bil-kondizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqha skond l-ordni ta' *probation* hawn mehmuz u li ghandu jifforma parti minn din is-sentenza w dan a tenur tal-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre, a tenur tal-artikolu 23 (1) (b) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li omissis tingieb quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D.), sabiex dik il-Qorti tittratta maghha ghar-reat li tieghu kienet instabet hatja bis-sentenza ta' dik il-Qorti tad-9 ta' Lulju, 2008, b' kull mod li setghet tittratta maghha li kieku kien ghadha kemm giet dikjarata hatja minnha jew quddiemha ta' dawk ir-reati jew reat.

Rat l-ordni ta' Probation maghmul skond l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid testwalment :-

L-QORTI

Billi omissis hawnhekk izjed 'l quddiem imsejjha "il-hatja", giet llum misjuba hatja

1) Li fl-1 t' Awwissu, 2008, f' Malta ghall-habta ta' 21.00 u fix-xhur ta' qabel b' diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kienu jiksrru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b' rizoluzzjoni wahda;
2) li fl-istess dati, hinijiet , lokalitajiet u cirkostanzi, offendiet il-pudur u l-morali b' eghmil li sar fil-pubbliku jew f' post espost ghall-pubbliku; w
3) li kisret il-provvedimenti tal-artikoilu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 9 ta' Lulju, 2008;

**U billi l-Qorti jidrilha, wara li hadet kont tac-cirkostanzi tal-kaz, inkluza x-xorta tar-reat u l-kondotta tal-hatja, illi huwa spedjenti li taghmel Ordni ta’ Probation.**

U billi fissret lill-hatja bi kliem car l-effett ta’ din l-Ordni (inkluza l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht) u illi jekk tonqos li thares din l-Ordni jew taghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta’ **tlitt snin**, tkun jista’ tigi kkundannata ghar-reati li ghalihom qeghda tigi maghmula din l-Ordni, w illi l-hatja wriet li trid thares il-kundizzjonijiet ta’ din il-Qorti.

Ghalhekk tordna li omissis, residenti 70, Triq San Alfons, Sliema, jew Block B, Flat 4, Lay Lay Complex, Triq in-Nadur, Marsaskala, detentrici tal-karta tal-identita' numru 467591M, tkun ghal perjodu ta’ **tlitt snin**, mid-data ta’ din l-Ordni, taht is-sorveljanza tad-**Direttur tas-Servizzi tal-Probation**, u tordna wkoll li l-hatja, ghall-perjodu fuq imsemmi, ghandha thares ukoll il-kundizzjonijiet addizzjonali hawn taht imsemmija:

1. li hija ghandha ggib ruhu tajjeb u tghaddi hajja ta’ bzulija, b' dana pero' li ma tahdimx f' postijiet ta' divertiment, *bars* jew tal-*catering* u ovvjament milli tiddezisti li tipprostiwixxi ruha.;
2. li hija ghandha tgharraf minnufih lill-ufficjal tal-Probation b’kull tibdil tar-residenza jew xoghol taghha;
3. li hija ghandha jzomm ruha f’kuntatt mal-Ufficjal tal-Probation, skond id-direttivi li jinghataw, minn zmien ghall-iehor, mill-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li

hija ghandha, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, tircievi zjajjar tal-istess Ufficjal tal-Probation fid-dar taghha;
4. Li tirrinkaza u tidhol lura f' darha mhux aktar tard mid-9 pm. u ma tergax tohrog qabel is-7 am.
5. Li ma tiffrekwentax id-distrett tal-Marsa, ta' Paceville, ta' Testaferrata Street, il-Gzira w l-agwati ta' madwarhom, jew postijiet ohra rinomati ghall-prostituzzjoni f' ebda hin tal-gurnata.
6. Li kull sitt xhur tidher quddiem din il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer fid-data w l-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess hatja.
7. Li ma tikkommetti ebda reat iehor kwalsiasi, anki ta' natura kontravvenzjonali, ma tul il-periodu ta' tlitt snin mill-lum.

Semghet bil-gurament lil Probation Officer Antonella Spagnol fl-udjenza tal-lum li kkonfermat u amplifikat dwar l-allegazzjonijiet minnha maghmula fin-Nota fuq imsemmija w senjatament illi omissis naqset milli tattendi appuntamenti maghha bla ebda raguni fl-4 u fid-19 t’Awwissu, fl-1, fid-9 u fid-29 ta’ Settembru, fl-10 u fis-17 ta’ Novembru w fid-29 ta’ Dicembru 2009 u minkejja li haduha l-ETC biex issib ix-xoghol halli tghix hajja ta’ bzulija, hi rrifjutat li tirregistra.

Xehedet ukoll li minkejja li tat diversi twissijiet lil omissis li l-atteggjament taghha ser jigi rapurtat il-Qorti, din xorta ma sfruttatx l-opportunita’ li kienet inghatatilha.

Semghet bil-gurament lill-istess omissis li qalet li m’ghadhix tmur mal-irgiel u li tkun id-dar mal-gharusa ta’ huha ghax ghandha “baby” u talbet li tinghata “chance” iehor mill-Qorti.

Ikkonsidrat

Illi din il-Qorti hija sodisfatta illi omissis ma uzufruwietx mill-ahhar opportunita’ li taghtha din il-Qorti biex tbiddel hajjitha taht is-sorveljanza w bl-ghajnuna w direzzjoni li kellha tinghatalha mill-probation officer fuq imsemmija.

Din il-Qorti harget barra minn trieqtha biex tipprova twassal lil omissis ghall-hajja ahjar, imma issa jidher car li dan l-isforz kien kollu ghal xejn u ghalhekk, il-Qorti ma faddalhiex triq ohra hlief li tapplika ir-riguri tal-ligi fil-konfront taghha ghar-reati minnha kommessi.

Ikkonsidrat ukoll li ghalkemm illum omissis ghalqet it-tmintax il-sena, meta kkommettiet ir-reati in dizanima, kienet ghadha ma ghalqitx l-eta’ ta’ tmintax il-sena w ghalhekk skond l-artikolu 37 tal-Kap. 9, il-piena applikabbli ghar-reati ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn.

Rat l-artikolu 21 tal-Att VII tal-2002 dwar il-Probation u, in vista tan-nuqqas tal-probationee li thares il-kundizzjonijiet fuqha mposti fil-probation order fuq riprodott, taghzel li tittratta maghha ghar-reati li dwarhom kienet imponiet is-sanzjoni komunitarja w konsegwentement, wara li rat l-artikoli 7(2) tal-Kap. 63, 209 tal-Kap. 9 u l-artikoli 17(h), 18, 31 u 37 tal-Kodici Kriminali, tikkundannaha ghal tlett (3) xhur prigunerija w inoltre a tenur tal-artikolu 23 (1) (b) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li omissis tingieb quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D.), sabiex dik il-Qorti tittratta maghha ghar-reat li tieghu kienet instabet hatja bis-sentenza ta' dik il-Qorti tad-9 ta' Lulju, 2008, b' kull mod li setghet tittratta maghha li kieku kien ghadha kemm giet dikjarata hatja minnha jew quddiemha ta' dawk ir-reati jew reat.

Tordna li peress li l-probationee kienet minorenni fiz-zmien tar-reati minnha kommessi, isimha w l-konnotati kollha taghha ma jigux pubblikati fil-mezzi tax-xandir u fuq l-internet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------